MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 1843/1999/1

**Joseph u Monica konjugi Grima u b'digriet tal-5 ta' Frar 2013 stante l-mewt ta' Joseph Grima fil-mori tal-kawza, il-gudizzju f'ismu gie trasfuz f'isem l-istess Monica Grima fil-kwalita` taghha ta' werrieta universali tieghu u f'isem Olivia Ann Debattista ghal kull interess li ghandha u li jista' jkollha; Nazzareno u MaryGrace konjugi Seguna**

**v.**

**Pierre Buontempo, Ruben u Romina konjugi Buontempo u Centre Travel Company Limited u b'digriet tad-19 ta' Mejju 2000 gie kjamata in kawza Guido Grima**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentaw l-atturi fit-13 ta' Awwissu 1999 li taqra hekk:

"PREMESS illi fil-15 ta' April 1998 l-atturi avvanzaw ammonti ta' flus lill-konvenuti sabiex l-istess konvenuti, jew min minnhom, ikunu jistghu jottjenu *bank draft* minghand il-Bank of Valletta p.l.c. u konsegwentement, skond l-istess konvenuti, jkunu jistghu jikkonkludu negozju;

"U PREMESS illi l-konvenuti, bi hlas lura ta' l-ammonti avvanzati flimkien ma' spejjez inkorsi mill-atturi, hargu cekk numru mitejn u sebgha u sebghin (277) fuq kont kurrenti 11204911010 mal-Bank of Valletta p.l.c., fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf lira (Lm21,000) liema cekk ma giex onorat;

"U PERESS illi l-konvenuti Pierre Buontempo u Rueben Buontempo huma firmatarji fuq ic-cekk imsemmi u meta rrilaxxaw l-istess cekk huma kienu jafu li ma kienux ser ihallsu dan il-kreditu, u ghalhekk iqarrqu bi w ingannaw lill-atturi;

"U PERESS illi meta hargu dawk ic-cekkijiet il-konvenuti Pierre Buontempo u Rueben Buontempo kienu jafu li ma setghux jonorawhom u ma kellhomx fondi u ghalhekk huma dahlu personalment responsabbli ghall-hlas ta' l-ammont indikat fl-imsemmi cekk;

"U PERESS illi l-konvenuti, minkejja li gew interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut minnhom, baqghu inadempjenti;

"GHALDAQSTANT, jghidu il-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara li l-konvenuti, jew minnhom, huma debituri ta' l-atturi wara li l-atturi avvanzaw ammonti ta' flus lill-konvenuti u wara li l-konvenuti, bi hlas lura ta' l-

ammonti avvanzati, hargu cekk numru mitejn u sebgha u sebghin (277) fuq kont kurrenti 11204911010 mal-Bank of Valletta p.l.c., liema cekk ma giex onorat;

“2. Tiddikjara li b’tali atti l-konvenuti agixxew b’mod frawdolenti fil-konfront ta’ l-atturi;

“3. Tillikwida l-ammonti dovut lill-atturi mill-konvenuti, jew min minnhom, bl-imghaxijiet dovuti;

“4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta’ qbid u sekwestru prezentati kontestwalment u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Romina Buontempo li in forza taghha eccepiet illi:
“1. L-infondatezza tat-talbiet attrici fil-fatt u fid-dritt;

“2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost li hi ma ghandha x’taqsam xejn mal-fatti in kwistjoni ghajr li hi mizzewga lil Reuben Buontempo;

“3. Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost illi hi m’hijiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

“4. Fi kwalunke kaz in-natura tad-dejn kif premessa fic-citazzjoni attrici ma tinkwadrax ruhha fid-djun li skond il-Kodici Civili jistghu jiggravaw fuq il-komunita’ ta’ l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha.

“5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom, fil-konfront taghha jigu michuda bl-ispejjez.

“6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Pierre Buontempo u s-socjeta` Centre Travel Co. Ltd li in forza taghha eccepew illi:

“1. Fl-ewwel lok in-nullita tac-citazzjoni bhala azzjoni kollettiva;

“2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju illi ebda wiehed mill-konvenuti ma ghandu jaghti xejn lill-ebda wiehed mill-atturi; illi lanqas hu car ezattament x’inhu li qed jitolbu l-atturi. L-eccipjenti qatt ma talbu lill-atturi jaghtuhom xi flus u qatt ma obbligaw ruhhom li jroddu xi flejjes lill-atturi u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

“3. Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost li l-konvenuti qatt ma taw xi *cheque* u li dawn ottjenew ic-*cheque* li jsemmu bil-qerq.

“4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-eccipjent Pierre Buontempo qatt ma qarraq bi jew inganna lill-atturi f’xi mod.

“5. Illi bla preguduzzju ghas-suespost l-eccipjent Reuben Buontempo ma huwiex responsabbli ghad-djun tas-socjeta’ *Centre Travel Company Limited* billi hu la hu direttur u lanqas ma hu azzjonista ta’ din is-socjeta’ u dan kif ghandu jirrizulta ampjament mir-registru tal-kumpaniji. Inoltre hu qatt ma qarraq bl-atturi.

“6. Illi bla preguduzzju ghas-suespost is-socjeta’ *Centre Travel Company Limited* ma ghandha taghti xejn lill-atturi u fil-fatt ma ghandha l-ebda relazzjoni kontrattwali maghhom;

“7. Illi bla preguduzzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

“8. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“9. L-eccipjenti minn issa jirriservaw kontra l-atturi kwalsiasi dritt lilhom spettanti nkluz azzjoni ghal danni lilhom ikkawzati bil-hrug u zamma fis-sehh ta’ diversi atti kawtelatorji li nhargu fil-konfront taghhom wara talba ta’ l-istess atturi.”

Rat li b’digriet tad-19 ta’ Mejju 2000, il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawza ta’ Guido Grima;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Guido Grima li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma’ l-atturi stante illi l-ammont mitlub mill-atturi huwa dovut eskluzivament mill-konvenuti li maghhom biss l-atturi huma ghamlu n-negozju *de quo,* u li fi kwalunkwe kaz hu ma kkommetta ebda azzjoni qerq fil-konfront tal-atturi.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat li din il-kawza instemghet kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet **Guido Grima et v. Pierre Buontempo et** (Citaz. Nru. 1729/00), bil-provi, dokumenti u xhieda prodotti fiz-zewg kawzi japplikaw ghal xulxin;

Rat li z-zewg kawzi gew decizi fl-istess jum;

Rat is-sentenza li nghatat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili f’din il-kawza fis-7 ta’ Lulju 2009, li in forza taghha l-kawza giet deciza billi:
“Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Romina Buontempo u tal-konvenuti l-ohra Pierre Buontempo, Rueben Buontempo u s-socjeta` Centre Travel Company Limited,

“Tichad l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza Guido Grima,

“Tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens kif hawn taht indikat billi:-

“1. Tiddikjara lill-konvenuti Pierre Buontempo, Reuben u Romina konjugi Buontempo u Centre Travel

Company Limited debituri ta' l-atturi fis-somma ta' Lm20,000;

"2. Tiddikjara li l-konvenuti Pierre Buontempo, Reuben Buontempo u Centre Travel Company Limited u l-kjamat in kawza Guido Grima agixxew b'mod frawdolenti fil-konfront tal-atturi;

"3. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi fl-ammont ta' €46,587.47 ekwivalenti ghal Lm20,000;

"4. Tikkundanna lill-konvenuti Pierre Buontempo, Reuben u Romina Buontempo u Centre Travel Company Limited solidament sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' €34,940.60;

"5. Tikkundanna lill-kjamat in kawza Guido Grima sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' €11,646.87.

"Bl-ispejjez kif mitluba kwantu ghal tlett kwarti kontra l-konvenuti Pierre Buontempo, Reuben u Romina konjugi Buontempo u Centre Travel Company Limited u kwantu ghal kwart kontra l-kjamat in kawza Guido Grima.

"Bl-imghaxijiet dekorribbli mill-prezentata tac-citazzjoni."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Fatti**

"Illi l-atturi ipprocedew bil-kawza odjerna fejn qed jitolbu li jithallsu lura l-ammonti mislufa minnhom lill-konvenuti jew min minnhom wara li cekk li kien moghti lilhom mill-istess konvenuti sabiex ikopri l-istess self u imghaxijiet ma giex onorat.

**"Konsiderazzjonijiet**

"<u>Azzjoni kollettiva</u>

"Illi l-Qorti sejra tindirizza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Pierre u Reuben ahwa Buontempo u ta' Centre Travel Company Limited fejn eccepew in-nullita` tac-citazzjoni bhala azzjoni kollettiva. Illi fit-trattazzjoni orali l-avukat tal-konvenuti irrileva illi l-artikolu 156A tal-Kap. 12 li kien jirregola l-azzjoni kollettiva illum tnehha u ghalhekk ma tistax issir azzjoni tat-tip intentata mill-atturi fejn ghandek krediti assolutament distinti minn xulxin.

"Illi l-Qorti ma taqbilx ma' dina s-sottomissjoni. Illi ghalkemm huwa veru li l-artikolu 156A gie abolit permezz ta' Att XXIV ta' l-1995, l-istess artikolu gie inkorporat f'artikolu 161(3) tal-Kap. 12 permezz ta' l-istess Att u jinkorpora fih l-effetti kollha li kellu l-artikolu 156A. Illi ghalhekk meta giet intavolata l-kawza odjerna l-azzjoni kollettiva kienet u ghadha permissibbli.

"Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-iskorta tat-taghlim prevalenti fid-dottrina u l-gurisprudenza in propozitu, u hi tal-fehma li ghall-ammissibbilita` tal-gudizzju kollettiv huwa mehtieg illi l-kwistjoni li tkun trid tigi rizolta tkun identika ghal kull wiehed mill-atturi, u wkoll illi l-interess derivanti mit-titolu u l-oggett tal-kawza ikun komuni, igifieri illi c-citazzjoni kollettiva hi ammissibbli kull darba li diversi persuni, li jiffiguraw bhala atturi, jipproponu sabiex jirrisolvu kwistjoni ta' dritt uniku u identiku, u jkun eskluz "a priori" illi mir-rizoluzzjoni ta' l-istess kwistjoni, f'sens jew iehor, tista' tikkonkorri xi cirkustanza ta' fatt specjali ghal wiehed jew l-iehor minn dawk il-persuni atturi.[1]

"Illi l-Qorti hi tal-fehma illi l-azzjoni attrici tissodisfa dawn ir-rekwiziti stante li l-kwistjoni ta' dritt li trid tigi rizoluta f'din il-kawza hija unika u identika ghal kull wiehed mill-atturi u hemm fl-atturi kollha l-identita` u l-komunanza ta' l-interess derivanti mill-oggett ta' l-azzjoni proposta. Ghalhekk ma tezistix dik in-nuqqas ta' kjarezza fl-oggett tat-talba kif iridu minflok jimplikaw il-konvenuti. Ghaldaqstant, ic-citazzjoni attrici tissodisfa r-rekwiziti ta' l-artikolu 161 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[1] Ara f'dan is-sens *Mammante Azzopardi et vs Carmelo Micallef,* Prim'Awla 16.12.1953. Vol. 37 p. 2 p. 810.

**“MERTU**

“Illi fil-mertu jirrizulta mill-provi prodotti illi fil-15 ta’ April 1998 giet depozitata is-somma ta’ Lm20,000 fil-kont numru 112-0491101-0 appartenenti lis-socjeta` Centre Travel Company Limited li kellha bhala direttur uniku taghha lill-konvenut Pierre Buontempo. Illi din is-somma giet depozitata direttament mill-kont numru 14810494012 li jappartjeni lill-atturi Joseph u Monica Grima.[2] Illi rrizulta wkoll illi fl-istess kont tal-konjugi Grima dakinhar stess giet depozitata s-somma ta’ Lm14,000 li mill-provi jirrizulta li kienet tappartjeni lill-attur l-iehor Nazzareno Seguna. Illi ghalhekk mill-Lm20,000 avvanzati fil-kont tas-socjeta` Centre Travel Company Limited, Lm6,000 kienu ta’ Joseph u Monica Grima u Lm14,000 ta’ Nazzareno Seguna.

“Illi dwar il-fatti li taw lok ghal dan il-versament hemm kontestazzjoni qawwija bejn il-partijiet. L-atturi, principalment Joseph Grima, jghid li huwa ivversa l-Lm20,000 fuq talba ta’ huh il-kjamat in kawza Guido Grima ghaliex dan qallu li kellu l-post tax-xoghol tieghu mhedded wara li kien ghamel xi avvanzi ta’ flejjes lil Pierre Buontempo. Jirrizulta li tali ammonti kienu baqghu skoperti u ghalhekk il-Bank kien ghamel pressjoni fuq Guido Grima. Minn naha l-ohra il-konvenut Pierre Buontempo xehed illi minn dan kollu hu ma kien jaf xejn u li lanqas ma kellu x’jaqsam mac-cekk ta’ Lm21,000 mghoddi lil Nazzareno Seguna sabiex ikopri l-imsemmi self u imghaxijiet. L-istess Pierre Buontempo jghid illi l-prattika kienet illi huwa jiffirma c-cekkijiet u jhallihom *blank* biex jigu mimlija mill-kjamat fil-kawza Guido Grima.

“Guido Grima xehed illi filwaqt li kien veru li kien hu li mela c-cekk in kwisjtoni ta’ Lm21,000 li gie mghoddi lil Nazzareno Seguna, dan ghamlu fuq struzzjoni ta’ Pierre u Reuben ahwa Buontempo u mhux fuq inizjattiva tieghu.

“Illi l-konvenuti l-ohra konjugi Reuben u Romina Grima qatt ma xehdu f’dawn il-proceduri.

---
[2] Ara statement a fol. 89.

“Illi ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha iktar minn verzjoni wahda tal-fatti u ghaldaqstant hi trid tara liema hija dik il-verzjoni li l-aktar ghandha mis-sewwa. Minn dejjem kien accettat li fi kwistjoni ta’ kredibilita` u apprezzament ta’ provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni offruta imma jekk din l-ispjegazzjoni hijiex possibbli u minn ewl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet “Farrugia vs Farrugia”, deciza minn din il-Qorti fl-24 ta’ Novembru 1966, li “il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant”.

“Illi jibda biex jinghad illi l-verzjoni moghtija mill-atturi u mill-kjamat in kawza Guido Grima hija f’certi aspetti korroborata mix-xhieda ta’ xulxin filwaqt li x-xhieda tal-konvenut Pierre Buontempo m’hi korroborata minn hadd meta facilment hu seta’ jipproduci lil huh il-konvenut l-iehor Reuben Buontempo biex jikkorrobora l-istess verzjoni. B’dana kollu dan il-fatt wahdu ma jwassalx biex dina l-Qorti tiskarta l-verzjoni tieghu imma l-Qorti trid tara dawn il-verzjonijiet fl-assjem tal-provi prodotti quddiemha.

“Illi bhala fatt gie ppruvat illi t-transazzjoni mill-kont tal-konjugi Joseph u Monica Grima ghall-kont tal-kumpanija Centre Travel Limited sar.[3] Ma jirrizultax illi l-istess kumpanija jew xi direttur taghha m’accettax dan il-versament imma ghall-kuntrarju bbenefikaw mill-istess.

“Illi issa huwa veru illi dawn il-flejjes gew versati fl-imsemmi kont fuq talba verbali ta’ Guido Grima li dak iz-zmien kien jahdem ta’ *book keeper* mas-socjeta` Centre Travel Co. Ltd., imma hareg ukoll car illi l-beneficjarja ahharija kienet se tkun Centre Travel Co. Ltd. jew il-

[3] Ara Dok. RG2 a fol. 89.

konvenuti Buontempo. Jirrizulta wkoll illi r-responsabbilta` shiha ghal dik li hi l-gestjoni tal-Kumpanija konvenuta kienet esklussivament f'idejn il-konvenut Pierre Buontempo,[4] *qua* direttur, segretarju u rapprezentant legali uniku taghha.

"Illi skond il-gurisprudenza taghna, *"id-direttur f'socjeta` hu meqjus bhala mandatarju tas-socjeta` fir-relazzjonijiet interni ma' dik l-istess socjeta` filwaqt li hu kkunsidrat bhala r-rapprezentant ta' dik is-socjeta` fir-relazzjonijiet taghha ma' terzi persuni. B'dana kollu ma hemmx dubju li f'certi determinati sitwazzjonijiet id-direttur ikun personalment responsabbli ghall-hsara bl-agir delittwuz minnu stess kommess*."[5]

"Dwar din ir-responsabbilta' tad-diretturi jinghad fil-**Palmer's "Company Law"[6]:**

*""Any director who is party to a fraud or to the commission of any other tort is personally liable to the injured party. This is on the principle that whoever commits a wrong is liable for himself, and, nonetheless so, that he was acting as an agent or servant on behalf, and for the benefit of another; for the contract of agency, or service cannot impose any obligation on the agent or servant to commit, or assist in the committing of, fraud or any other wrong. The Company may also be liable but that does not exonerate the director…".*

"Illi l-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fid-decizjoni taghha tal-31 ta' Jannar 1977 fil-kawza fl-ismijiet **John Bugeja vs Giuseppe Maria Vella Gatt proprio et nomine**, kienet citat dina s-silta fejn il-konvenut kien gie ritenut personalment in kolpa ghall-atti frawdolenti fil-konfront ta' l-attur.

"Illi l-konvenuti Buontempo kienu qed jagixxu f'isem is-socjeta` konvenuta u mhux f'ismhom, però, fic-cirkustanzi

---

[4] Ara Memorandum of Association ipprezentat bhala Dok. AS3 a fol. 269 fil-process *Guido Grima vs Pierre Buontempo et (Citaz. Nru. 1729/00 GV).*
[5] *Anthony Briffa pro et noe vs Vincent Oliver Abela pro et noe,* Prim'Awla 28.3.03.
[6] 21st Edition, 1968, page 572.

l-istess konvenuti personalment m'ghandhomx jithallew jinhbew wara l-personalita` distinta ta' din is-socjeta', u dan ghaliex min jagixxi bi *frode* ma jistax jinheba wara l-"*corporate veil"* tas-socjeta` tieghu.[7]

"Illi bhala fatti il-Qorti ghandha quddiemha *cheque* fl-ammont ta' Lm21,000 li skond l-atturi ma ssarrafx. Illi fit-trattazzjoni orali d-difensur tal-konvenuti argumenta illi l-kopja tac-*cheque* esebit m'ghandux timbru fuqu illi l-istess gie "*referred to drawer*". Illi ghalkemm dan huwa veru, pero il-konvenuti ma gabu l-ebda prova illi tali *cheque* fil-verita` gie msarraf u ghalhekk din il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tiskarta l-verzjoni tal-atturi li c-*cheque* de quo verament ma issarrafx. Il-hrug ta' *cheque*, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni valida, huwa rikonoxximent tad-dejn, u meta dan ma jigix imsarraf, jitfa' fuq id-debitur il-piz tal-prova tal-pagament. L-emissjoni ta' *cheque* hi prova dokumentali ta' l-element kostitutiv tar-rapport u jikkreja, in materja, il-presunzjoni legali relattiv tat-titolarita` tad-dritt stabbilit f'dan id-dokumenti (ic-*cheque*) a favur tal-persuna legittimata. Dan ghaliex, kif deciz, "*ic-cheque ... intrinsikament mhuwiex hag'ohra hlief dokument ta' kreditu (credit document - documento rappresentante un credito presso una banca)*".[8] F'idejn il-pussessur ic-*cheque* ghandu l-vantagg konsimili ghal dak li ghandu titolu kambjarju.[9]

"Ghalhekk il-kreditur li jagixxi, invokanti titolu simili, hu f'certu sens dispensat bis-sahha ta' l-istess *cheque* u titolu milli jipprova r-rapport fondamentali; mentri d-debitur, emissarju tac-*cheque*, ma jistax jippretendi li jista' johloq dubji fuq it-titolarita` tal-kreditu vantat, u in mankanza ta' eccezzjonijiet jew difiza riflettenti fuq l-obbligazzjoni – bhal

---

[7] Ara principju kif applikat minn din il-Qorti fil-kawza *HSBC Bank plc vs Fenech Estates Ltd et*, Prim'Awla 19.1.2000, u fil-kawza *PL Adrian Borg noe vs Agostino S. Winston Carbone noe*, Prim'Awla 30.5.2002.

[8] Kollez. Vol. XLVI P II p. 600.

[9] Ara Kollez. Vol. LXXVI P II p. 520 u *Luigi Portelli et nomine -vs- Dr. John C. Grech nomine,* Appell 6.1.0.2000.

l-*exceptio doli* - ikollu jbati r-riskju ta’ l-eventwali rifjut jew nuqqas tal-hlas reklamat.

“Illi mill-kwadru tal-fatti kifipprezentat quddiem dina l-Qorti jirrizulta illi fil-mument li nghata c-*cheque* de quo lil Joseph Grima u Nazzareno Seguna iz-zewg konvenuti Pierre u Reuben ahwa Buontempo kienu prezenti. Jitfa’ dawl ukoll fuq il-kwistjoni kollha id-dokument Dok. XX1 a fol. 182 ipprezentat mill-atturi li huwa ftehim ta’ transazzjoni fir-rigward ta’ l-istess pendenza, liema transazzjoni qatt ma mmaterjalizzat peress li l-atturi ma gewx rifuzi dak dovut lilhom skond l-istess skrittura. Illi ghalkemm il-konvenut Pierre Buontempo ipprova jattakka l-validita` ta’ l-imsemmija skrittura fix-xhieda tieghu, ma jirrizultax illi tali skrittura qatt giet attakkata gudizzjarment.

“Abbazi tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, din il-Qorti thoss li ma tistax toqghod b’affidament fuq il-versjoni tal-konvenuti u konsegwentement ma tistax tammetti la l-eccezzjonijiet taghhom ghal dak li jirrigwarda l-vinkolu negozjali u lanqas is-sottomissjonijiet taghhom fil-meritu.

“<u>Rwol tal-kjamat fil-kawza Guido Grima</u>

“Illi wara li l-Qorti ghamlet dan l-apprezzament, jonqos li jigi ezaminat xi rwol kellu fil-kwistjoni l-kjamat fil-kawza Guido Grima. Illi l-istess Grima kien il-*book keeper* tal-kumpanija Centre Travel Co. Ltd. u kien ukoll il-persuna, impjegata mal-Bank of Valletta plc, li kien johrog il-*bank drafts* li kien jitolbu Pierre Buontempo biex jithallsu certu spejjez relatati ma’ l-agenzija ta’ l-ivvjaggar li kien jopera tramite s-socjeta` konvenuta. Illi bhala persuna impjegata mal-Bank, Guido Grima, kellu responsabbilta` lejn il-Bank sabiex jara li l-operat tieghu ikun wiehed diligenti. Madankollu skond ma rrizulta f’din il-kawza kien hemm iktar minn okkazjoni wahda fejn hu awtorizza *bank drafts* biex jithallsu xi kredituri ta’ Centre Travel Co. Ltd. meta fil-*bank account* ta’ l-istess kumpanija ma kienx hemm flejjes biex ikopru l-istess *bank drafts*. Dan hu kjarament abbuz da parti ta’ Guido Grima, liema abbuz wasslu biex ikollu problemi serji ta’ dixxiplina fuq il-post tax-xoghol, liema

problemi wassluh biex idur fuq membri tal-familja tieghu, bhal ma hu huh l-attur Joseph Grima, biex ikun jista’ jiddepozita l-ammonti ta’ flus li hareg ghal Pierre Buontempo jew il-kumpanija konvenuta sabiex il-kont ma jibqax skopert minn somom kbar ta’ flus.

“Illi ghalhekk l-agir tal-konvenut Guido Grima ma kienx wiehed responsabbli la fil-konfront tal-Bank li kien jimpjegah u lanqas fil-konfront ta’ l-atturi stante li kien jaf bis-sitwazzjoni finanzjarja tal-konvenut Buontempo u tal-Kumpanija konvenuta, u konsegwentement irid iwiegeb ghall-istess.

“Ghaldaqstant ir-responsabbilta` tal-konvenuti ghandha tigi apporzjonata kif se jinghad:-

“Pierre Buontempo, Reuben u Romina konjugi Buontempo u Centre Travel Co. Ltd. ikunu responsabbli solidalment ghal tlett kwarti mill-ammont reklamat lill-atturi; filwaqt li l-kjamat in kawza Guido Grima ghandu jkun responsabbli ghal kwart mill-ammont reklamat mill-atturi.

“Eccezzjoni Romina Buontempo

“B’referenza ghar-raba’ eccezzjoni mressqa mill-konvenuta Romina Buontempo il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenuta ghalkemm ma kellha x’taqsam xejn mas-self mertu tal-kawza, l-istess dejn jaggrava l-komunjoni ta’ l-akkwisti stante li l-konvenut Ruben Buontempo kien ko-partecipi fil-hrug tac-*cheque* in kwistjoni u li sussegwentement ma giex onorat. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tilqa’ din l- eccezzjoni.

“Imghaxijiet

“Illi fir-rigward ta’ l-imghaxijiet din il-Qorti sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Hu ritenut fil-gurisprudenza illi, meta d-debitu jkun cert, jekk id-debitur ikun jaf jew jista' facilment jiddetermina l-ammont il-massima *in illiqudis mora non contrabitur* mhix applikabbli. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li

hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Pierre Buontempo, Ruben u Romina mizzewgin Buontempo u Centre Travel Co. Ltd li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

"… … ghar-ragunijiet sottomessi, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata datata 7 ta' Lulju 2009, u dana billi tichad it-talbiet kollha attrici, tichad l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati."

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali ta' Guido Grima li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta fl-ewwel lok, li l-appell tal-familja Buontempo u Centre Travel Co. Ltd ghandu jigi michud, u, fit-tieni lok, illi din il-Qorti joghgobha:

"… … illi timmodifika s-sentenza appellata moghtija mill-Onorevoli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 2009, billi tirrevokaha f'dawk il-partijiet tas-sentenza appellata fejn (i) gew michuda l-eccezzjonijiet tal-esponenti, (ii) l-esponenti gie dikjarat illi agixxa b'mod frawdolenti fil-konfront tal-atturi, (iii) ikkundannat lill-esponenti ihallas lill-atturi s-somma ta' €11,646.87, bl-imghax dekorribbli mic-citazzjoni, u (iv) ikkundannat lill-esponenti ihallas kwart tal-ispejjez, u (v) tilqa' eccezzjonijiet kollha tal-esponenti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi u l-konvenuti."

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tal-atturi li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew, fl-ewwel lok, li l-appell tal-familja Buontempo u tas-socjeta` Centre Travel Co. Ltd ghandu jigi michud, fit-tieni lok, illi l-appell incidentali ta' Guido

Grima, ghandu wkoll jigi michud, u fit-tielet lok, illi din il-Qorti joghgobha:

"… … tikkonferma s-sentenza appellata safejn iddikjarat lil konvenuti Buontempo u lis-socjeta` Centre Travel Company Limited debitrici ta' l-atturi fis-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000), illum sitta u erbghin elf u hames mija u sebgha u tmenin euro u sebgha u erbghin centezmu euro (€46,587.47), u tirriformaha billi tiddikjara lill-konvenuti Buontempo, lis-socjeta` Centre Travel Company Limited u lill-kjamat fil-kawza Guido Grima solidalment responsabbli flimkien u tikkundannahom ghall-hlas solidalment, bl-imghax legali kummercjali ta' tmienja fil-mija fis-sena b'effett mill-15 ta' April 1998 u bl-ispejjez legali taz-zewg istanzi; u billi tichad l-eccezzjonijiet u l-appelli kollha tal-konvenuti u tal-kjamat fil-kawza."

Rat ir-risposta tal-appell ta' Pierre Buontempo, Ruben u Romina mizzewgin Buontempo u Centre Travel Co. Ltd ghall-appell incidentali ta' Guido Grima, li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti:

"… … tilqa' l-istess appell taghhom filwaqt li tichad l-appell incidentali tal-kjamat in kawza Guido u Claudia konjugi Grima bl-ispejjez taz-zewg istanzi, inkluz tal-appell incidentali, kontra l-atturi appellati u/jew kontra l-istess kjamat in kawza appellanti Guido u Claudia konjugi Grima."

Rat ir-risposta tal-appell ta' Pierre Buontempo, Ruben u Romina mizzewgin Buontempo u Centre Travel Co. Ltd ghall-appell incidentali tal-atturi li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti:

"… … tilqa' l-istess appell taghhom filwaqt li tichad l-appell incidentali tal-atturi Joseph u Monica konjugi Grima u Nazzareno u Marygrace konjugi Seguna bl-ispejjez taz-zewg istanzi, inkluz tal-appell incidentali, kontra l-istess atturi u/jew kontra l-kjamati in kawza appellanti Guido u Claudia konjugi Grima."

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza Guido Grima ghall-appell incidentali tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi t-talbiet tal-atturi kontenuti fl-appell incidentali taghhom ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hi rizultat tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja li sabet fiha l-kumpanija Centre Travel Co. Ltd, li hi socjeta` ta' Pierre Buontempo u li allegatament titmexxa bi shab bejn l-ahwa Pierre u Ruben Buontempo. Il-kjamat fil-kawza, Guido Grima, ghamel zmien *book-keeper* ta' din is-socjeta` u kien ukoll impjegat u jahdem mal-Bank of Valletta plc f'wahda mill-*branches* taghha. Il-kumpanija kellha l-kont taghha mal-istess bank u fil-*branch* fejn kien jahdem Guido Grima. Dan tal-ahhar, biex ihallas il-kredituri tal-kumpanija, kien jirtira flus mill-kont tal-kumpanija, jghaddihom lill-bank u hu stess, f'isem il-bank, johrog *drafts* li kien jghaddi lill-kredituri tal-kumpanija. Gara li, meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija ma kinitx tajba, huwa kien xorta wahda johrog *bank drafts* favur il-kredituri tal-kumpanija, minghajr, pero`, ma jivversa flus mill-kumpanija a favur il-bank. Ir-rizultat kien li l-bank kien qed jispicca jhallas mill-assi tieghu lill-kredituri tal-kumpanija.

Meta l-bank irrealizza x'kien qed jigri, talab lill-Guido Grima jirregolarizza l-posizzjoni tieghu, u tpoggiet in ballo l-posizzjoni tieghu mal-bank. Dan Guido Grima avvicina lill-huh Joseph u talbu jghinu fil-problema li kellu. Dan Joseph Grima ma kellux bizzejjed flus, u avvicina habib tieghu, Nazzareno Seguna, sabiex jghinu jigbor is-somma mehtiega ta' Lm20,000.

Dawn il-flus gew depozitati mill-kont appartenenti lill-konjugi Joseph u Monica Grima direttament ghal gol kont ta' Centre Travel Co. Ltd. Irrizulta wkoll, li, fil-kont tal-

konjugi Grima, dakinhar stess tat-transazzjoni, giet depozitata s-somma ta’ Lm14,000 min-Nazzareno Seguna. Il-kumpanija, fuq *cheque* ffirmat minn Pierre u Ruben Buontempo, ghamlet “pagament” ta’ Lm21,000 (inkluz imghax) lill-atturi biex suppost tirrifondi l-flus lilha mislufa. Dan ic-*cheque* ma kellux data izda meta l-attur Joseph Grima eventwalment mar isarraf dan ic-*cheque*, ma nghatax il-flus ghax il-kumpanija ma kellhiex flus. Jidher li qabel ma sar is-self mill-atturi, dawn gew imgharfa li Pierre Buontempo kien qed jinnegozja xi artijiet, u allura li, ’il quddiem, flus biex jithallas lura s-self kien sejjer ikun hemm. Kif inghad, flus fil-kont tal-kumpanija ma gewx depozitati, u l-atturi fethu din il-kawza sabiex il-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jirrifondu l-flus avvanzati.

L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi, dehrilha li kellha taghti affidament lill-verzjoni tal-atturi – kontra t-tezi ta’ Pierre Buontempo li hu ma kien jaf xejn b’dak kollu li sar – u ordnat li r-refusjoni ssir, kwantu ghall-tliet kwarti mill-familja Buontempo u l-kumpanija Centre Travel Co. Ltd, u kwantu ghall-kwart mill-kjamat fil-kawza Guido Grima; il-hlas kellu jsir tas-somma ta’ Lm20,000 bl-imghax dekorribbli mill-prezentata tac-citazzjoni.

Mis-sentenza appellaw il-partijiet kollha. Guido Grima jghid li hu kien biss intermedjarju fin-negozju u ma ghandux jinstab responsabbli; il-kumpanija Centre Travel Co. Ltd tghid li bin-negozju gawda biss Guido Grima u hi ghandha tigi liberata minn kull imputazzjoni ta’ responsabbilita`; il-familja Buontempo tghid li, f’kull kaz huma personalment ma ghandhom x’jaqsmu xejn ma’ kull ma sar; u finalment l-atturi jridu li bejn il-familja Buontempo, il-kumpanija u Guido Grima jkun hemm is-solidarjeta`, u jridu wkoll li l-imghax ikun dekorribbli minn meta sehh is-self, cioe`, mill-15 ta’ April 1998, u mhux mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

Qabel ma din il-Qorti tidhol biex tittratta l-meritu, hu mehtieg li tigi determinata l-kwistjoni sollevata mill-konvenuti dwar il-validita` tac-citazzjoni. Huma eccepew in-nullita` tac-citazzjoni bhala azzjoni kollettiva. Fuq dan

il-punt, din il-Qorti taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li qieset permissibbli azzjoni kollettiva fit-termini tal-Artikoli 161(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan l-Artikolu jippermetti li ssir kawza wahda minn diversi atturi *"jekk il-kawzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba fil-meritu taghhom* jew *jekk id-decizjoni li tinghata dwar wahda mill-kawzi tista' tolqot id-decizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohra u jekk il-provi li jingiebu f'wahda mill-kawzi jkunu, generalment l-istess provi li ghandhom jingiebu fil-kawza jew fil-kawzi l-ohra.".*

Mill-premess jirrizulta li tista' ssir kawza kollettiva jew ghax il-pretenzjonijiet tad-diversi atturi *"jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin"*, jew ghax il-provi u l-eventwali decizjoni fuq pretensjoni wahda tista' *"tolqot"* il-pretensjonijiet l-ohra. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Micallef et v. Trusted Ltd et**, deciza fl-20 ta' Gunju 2012, mhux mehtieg li l-atturi kollha jkollhom l-istess interess fil-kawza, jekk kemm-il darba t-talbiet setghu jkunu l-istess u johorgu mill-istess cirkostanzi. F'dan il-kaz, in-negozju kien wiehed, ghalkemm kien jinvolvi diversi persuni, u l-posizzjoni tal-atturi huma identici. Hu ovvju li l-provi huma marbuta ma' xulxin u l-pretensjonijiet tal-atturi huma marbuta wahda mal-ohra, u decizjoni fuq pretensjoni tista' tolqot id-decizjoni fuq pretensjoni ohra.

Dwar l-ilment li c-citazzjoni hija mahlufa minn wiehed mill-atturi biss, meta l-ligi trid li *"kull attur"* ghandu jiddikjara r-raguni ghall-kawza, din il-Qorti tara' li mhux mehtieg, *ad validitatem*, li kull attur jahlef kull bicca mid-dikjarazzjoni li tolqot lilu direttament.

Gia` l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Scicluna v. Micallef**, deciza fil-31 ta' Ottubru 1997, qalet li wiehed irid jimxi fuq il-logika u s-sens komun, u kull attur ghandu l-obbligu li jahlef ghalih innifsu l-fatti li jirrigwardaw lilu meta l-meritu tal-kawza ma jkunx l-istess ghal kull wiehed minnhom; dan mhux mehtieg meta l-meritu jkun jiddependi fuq l-istess fatti ghal kull attur. Il-meritu tal-'azzjonijiet' tal-atturi mhumiex kompletament distinti; l-artikoli tal-ligi msemmi hu mahsub biex ihaffef din l-

ghamla ta’ azzjoni biex inaqqas l-ammont ta’ kwistjonijiet fuq hwejjeg marbutin ma’ xulxin, u l-konferma li, f’din il-kawza, saret minn wiehed mill-atturi tal-fatti li wasslu lill-atturi jippromwovu l-istanza, ghandha titqies valida.

Dan l-aggravju qieghed, ghalhekk jigi michud.

L-appelli l-ohra kollha jolqtu l-meritu tal-istanza. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuq dak li gara, u l-kwistjoni ddur mar-responsabbilita` ghal dak li gara u min ghandu jerfa’ l-piz tal-agir, zgur illegali, li wettaq Guido Grima. Dan tal-ahhar agixxa bi frodi u bi ksur tad-doveri tieghu bhala impjegat tal-Bank of Valletta plc meta hareg *bank drafts* biex ihallas kredituri tas-socjeta` Centre Travel Co. Ltd meta kien jaf li din is-socjeta` ma kellhiex flus biex tkopri dawk id-*drafts*. Hu jghid li kien semplici intermedjarju billi laqqa lil huh ma’ Pierre Buontempo, pero`, fil-verita` l-irwol tieghu kien aktar minn hekk. Hu kien konxju tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tas-socjeta` Centre Travel Co. Ltd u kien konxju wkoll mill-pozizzjoni ta’ fiducja li kellu fil-bank. Hu abbuza mid-*‘dual role’* li kellu, u ghad-djun li kellha s-socjeta` ra kif ghamel biex juza’ flus tal-bank. Hu, forsi, kien indott jaghmel dan minn dak li kien jghidlu Pierre Buontempo, dwar negozju li dan tal-ahhar kien jghid li kien qed jaghmel fuq artijiet li allegatament kellu x-Xemxija, u allura seta’ haseb li l-bank kien sejjer ikun skopert ghal ftit zmien, pero`, kien hu li ddecieda li jqarraq bil-bank u kien hu, meta kien ippressat mill-bank meta din skopriet x’kien ghamel, li avvicina lil huh ghal ghajnuna. L-atturi, jista’ jkun, li gew perswazi jaghmlu s-self meta ltaqghu ma’ Pierre Buontempo u dan qalilhom dwar in-negozjati li kien qed jaghmel fuq bicca art li qal li kellu, pero`, biex waslu ghal dan, l-attur Joseph Grima gie indott jahseb minn huh Guido li kellu problemi serji mal-bank. Guido Grima – u din il-Qorti tghid, bil-komplicita` ta’ Pierre Buontempo – kien li wassal ghas-sitwazzjoni li l-atturi gew skoperti minn Lm20,000, u ghal dan irid jirrispondi. Anke jekk ghamel li ghamel bhala pjacir lill-Pierre Buontempo, fil-konfront tal-atturi, kienet is-sitwazzjoni li sab ruhu fiha mal-bank, u l-familjarita` ma’ huh, li wasslet biex l-atturi jsellfu l-flus.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tarax li tista' tilqa' l-appell ta' Guido Grima.

Is-socjeta` Centre Travel Co. Ltd tghid li s-self sar bil-ghan illi tigi salvata l-posizzjoni prekarja ta' Guido Grima fi hdan il-bank, u mill-versamenti li saru kien biss dan Guido Grima li ggwadanja. Din il-Qorti ma taqbilx. Hu veru li Guido Grima dar fuq huh biex isalva gildu, pero`, il-beneficjarja ahharija kienet se tkun is-socjeta` Centre Travel Co. Ltd u/jew l-ahwa Buontempo.

Il-kumpanija kienet f'sitwazzjoni finanzjarja ddisprata, u dan kien zgur jafu Pierre Buontempo l-uniku direttur u rapprezentant legali tal-kumpanija. Din il-Qorti hi konvinta li dan id-direttur kien jaf x'inhu jsir, u bhala tali awtorizza jew akkonsentixxa ghal dak li ghamel Guido Grima, u l-kumpanija ghandha tirrispondi ghal agir tal-ufficjali taghha (ara **Galea v. Micovic**, deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Novembru 2001). Id-direttur ma jistax jghid li ma kien jaf xejn b'dak kollu li sar, ghax kien dmir tieghu li jsegwi kif qed jitmexxew l-affarijiet finanzjarji tal-kumpanija.

Kif qal Park J fil-kaz **Re Continental Assurance Co. of London plc.** deciza fl-Ingilterra fl-2001 (All ER (D)229, Ch.D):

*"… in my view, [the directors] would have been expected to be intelligent laymen. They would need to have a knowledge of what the basic accounting principles for an insurance company were …. They would be expected to be able to look at the company's accounts and, with the guidance which they could reasonably expect to be available from the finance director and the auditors, to understand them. They would be expected to be able to participate in a discussion of the accounts, and to ask intelligent questions of the finance director and the auditors. What I do not accept is that they could have been expected to show the sort of intricate appreciation of recondite accounting details possessed by a specialist in the field …"*

F’dan il-kaz, ma kienx hemm bzonn li d-direttur ikollu *“an intricate appreciation of recondite accounting details”* biex isegwi dak li kien qed jigri. Il-kumpanija ma kellhiex flus likwidi, kellha djun ma’ diversi persuni jew entitajiet, izda dawn kienu qed jithallsu permezz ta’ *drafts* mahrug mill-bank fejn kien jahdem Guido Grima. Din il-Qorti tara’ li l-kumpanija, tramite d-direttur taghha, kienet taf x’inhu jsir, aktar u aktar meta tqis li l-flus mislufa gew depozitati fil-kont ta’ u ghal gwadann tal-kumpanija Centre Travel Co. Ltd. Ir-responsabbilita` shiha ghal dik li hi gestjoni tal-kumpanija kienet f’idejn Pierre Buontempo qua uniku direttur, (din il-Qorti zzid, bil-partecipazzjoni attiva ta’ huh Ruben), u l-kumpanija, ghalhekk, ma tistax tehles mir-responsabbilta` taghha.

Dan l-aggravju qed jigi michud.

Fir-rigward tar-responsabbilta` personali tad-direttur Pierre Buontempo, huwa car li meta jkun hemm agir bi *frode* jkun hemm lok ghal-*‘lifting the corporate veil’*. Fil-ktieb **<u>Boyle & Birds’ Company Law</u>** (7th Edit. 2009 pagna 62), l-awturi jghidu li:

*“It is well established that the courts will not allow the corporate forms to be used for the purposes of fraud, or as a device to evade a contractual or other legal obligation.”*

F’dan il-kaz, Pierre Buontempo ppartecipa fl-agir doluz li wettaq Guido Grima, ippresta ruhu personalment biex jottjeni s-self, u meta lill-atturi nghata c-*cheque* ta’ Lm21,000 (li ma sarrafx), l-ahwa Pierre u Ruben Buontempo kienu prezenti. Il-kumpanija kienet l-*alter ego* ta’ Pierre Buontempo, u dan tal-ahhar ma jistax jipprova jinheba wara l-personalita` guridika tal-kumpanija biex jevita r-responsabbilta` tieghu. Kif qalet il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Briffa v. Abela**, deciza fit-28 ta’ Marzu 2003, id-direttur ta’ kumpanija jkun personalment responsabbli ghall-hsara bl-agir delitwuz minnu stess kommess, u “dan hu hekk il-kaz anke fejn id-direttur ma jikkommettix l-agir delitwuz personalment imma jippermetti lil haddiehor fil-kumpanija jikkommettieh” – ara wkoll **Galea v. Hili**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-1 ta’

Ottubru 1996. Ir-responsabbilita` ta' Pierre Buontempo mhix bazata biss fuq il-fatt li hu l-*controlling shareholder*, izda wkoll fuq il-principju li *'la frode non merita mai la protezzione della legge'* – Kollez Vol. XXVII.1.725.

Jghodd ghall-kaz, b'tixbieha, dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Borg Cardona noe v. Zammit et**, deciza fit-12 ta' Ottubru 2007 (sentenza li giet kkonfermata minn din il-Qorti fl-14 ta' Mejju 2010) fis-sens illi:

*"Uhud mid-diretturi jsostnu li, f'kull kaz, huma m'ghandhomx jinstabu responsabbli, peress li ma kienux involuti direttament fil-maneggjar tal-operat, jew ghax ma kienx ikollhom informazzjoni dwar il-posizzjoni attwali tal-kumpanija. Il-Qorti ma taccettax dan l-argument. Kif tghid l-awtrici* <u>*Hannigan*</u> *(ibid pagna 845), "the Courts are not prepared to accept that it is possible for a director to have no functions for these purposes", jigifieri, biex jigu protetti l-interessi tal-kredituri. Ir-responsabilita' hija tad-diretturi de iure u mhux biss fuq dawk de facto. Id-diretturi, specjalment, meta ikun hemm kummerc bi frodi, ghandhom jitqiesu responsabbli in solidum ghal dak li sehh minn kull wiehed minnhom, u ma jistghux jaharbu mir-responsabilita' billi jghidu li peress li ma kienux gew ippubblikati l-accounts, huma ma kinux a konoxenza tal-vera sitwazzjoni. L-awturi* <u>*Mayson, French & Ryan*</u> *(ibid pagna 778), jirrilevaw li d-dewmien fil-pubblikazzjoni tal-accounts ma hu ta' ebda ghajnuna ghad-diretturi, peress il-"financial results are known before publication of accounts as directors know what they can ascertain". Hekk ukoll fil-ktieb ta'* <u>*Sealy*</u> *(ibid pagna 622) jinghad "that there is to be included by way of factual information not only what was actually there but what, given reasonable diligence and an appropriate level of general knowledge, skill and experience, was ascertainable". Direttur ma jistax jahrab mir-responsabilita' fuq l-iskuza li hu "ma jifhimx" jew "ma kienx jaf" x'inhu jigri; hu ghandu obbliga jkun jaf u jimpenja ruhu li jwettaq id-doveri fuqu imposti mil-ligi. Fil-ktieb tal-*<u>*Professur Keay*</u> *aktar qabel imsemmi jinghad, (ibid pagna 89), "A director is not able to argue that he or she left all management functions to others*

*without question; there are minimum responsabilities that must be met and there is no such thing as a 'sleeping director'". Peress li hawn si tratta minn obbligazzjoni kummercjali, r-responsabilita' tal-intimati diretturi ghandha titqies in solidum."*

Id-direttur Pierre Buontempo ma jistax jitfa' t-tort kollu fuq Guido Grima, ghax hi responsabbilta` tieghu li "jkun jaf" dak li qed isir, u ma jistax jghid li m'ghandu x'jaqsam xejn man-negozju konkluz.

L-aggravju relattiv qed jigi michud.

Fil-kuntest ta' Ruben u Romina Buontempo, hu veru li dawn, ufficjalment, ma ghandhom ebda konnessjoni mas-socjeta` Centre Travel Co. Ltd, pero`, mill-provi jirrizulta li Ruben Buontempo kien involut flimkien ma' huh fit-tmexxija tal-kumpanija; ic-cirkostanza li kien firmatarju tac-*cheque book* tal-kumpanija huwa prova ampia ta' dan. Inoltre, ic-*cheque* ta' Lm21,000 li nghata lill-attur kien iffirmat minn Pierre u Ruben Buontempo, li juri l-involviment ta' dan tal-ahhar fil-gestjoni tan-negozju tal-kumpanija. Minghajr ma tghid jekk Ruben Buontempo kienx jew le *'a shadow director',* kif jallegaw l-atturi, jibqa' l-fatt li, ghal fini ta' din il-kawza, dan Ruben Buontempo ippresta ruhu pozittivament fin-negozju inkwistjoni, intrabat hu wkoll li jrodd il-flus lura, u ghandu, ghalhekk, jinzamm responsabbli hu personalment flimkien ma' huh.

Hu veru li, in astratto, il-fatt li persuna tiffirma *cheque* meta d-dejn hu ta' kumpanija, ma jfissirx awtomatikament li dik il-persuna dahlet hi wkoll personalment responsabbli ghal dak id-dejn, pero`, meta tqis ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, din il-Qorti hi konvinta li dan Ruben Buontempo kellu sehem attiv fin-negozju li wassal biex l-atturi jigu indotti jiddepozitaw somma ta' flus imdaqqsa fil-kont tal-kumpanija. Fir-rigward ta' Romina mart Ruben Buontempo, dak li ftehmu fuqu fil-kuntratt ta' separazzjoni personali huwa *res inter alios acta* ghall-kredituri, u bhala partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejnha u zewgha, hi kompartecipi fl-obbligi li assuma zewgha fil-

kors tan-negozju tieghu (ara Artikolu 1324 tal-Kodici Civili).

L-aggravju relattiv qed jigi michud.

Trattat issa l-appell incidentali tal-atturi, din il-Qorti tara' li dawn ghandhom ragun fil-kuntest taz-zewg aggravji mressqa minnhom. Hawn qeghdin fil-kamp tal-kummerc, u meta jkun jekk, tezisti s-solidarjeta` bejn il-partecipanti kollha. Involuti fin-negozju kien hemm il-konvenuti kollha (inkluz il-kjamata fil-kawza), u kien b'rizultat tal-agir taghhom, kull wiehed ghall-parti tieghu, li l-atturi ghamlu d-depozitu li issa qed jirreklamaw. Anke jekk in-negozju jitqies li wassal ghal responsabbilita` *ex delicto*, il-fatt li, kif ikkonkludiet il-Qorti, huma agixxew dolozament, ghandu jwassal ghar-responsabbilta` in solidum taghhom ukoll (Artikolu 1049 tal-Kodici Civili). Tajjeb li jinghad ukoll illi l-kumpanija Centre Travel Co. Ltd irceviet il-flus kollha, u ma jkunx gust jekk hi tigi rilaxxata mill-hlas ta' parti mis-somma.

Ghar-rigward tal-imghax, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-atturi li l-pern tal-kwistjoni huwa l-kuntratt ta' self li sar permezz ta' trasferiment bankarju datat 15 ta' April 1998. Is-somma mislufa kienet tikkontempla imghax u bhala self ta' natura kummercjali l-imghax ghandu jigi kkalkulat mid-data tas-self u mhux mid-data tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja. L-imghax irid jinhadem kif trid il-ligi, mhux meqjus dak li setghu ftehmu l-partijiet dwar imghax pre-likwidati.

Fil-kuntest tas-sottomissjoni li s-self hu null jew mhux kummercjali ghax is-self sar minghajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti, jigi rilevat li, skont il-ligi, tali permess hu mehtieg meta dak li jkun jippresta self lill-diversi persuni fuq bazi regolari. Meta dak li jkun jislef flus biss okkazzjonalment, ma hu mehtieg li tingieb ebda licenzja mill-awtorita` kompetenti (ara **Bonett v. Borg**, deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru 1999 u **Azzopardi v. Bonello**, deciza mill-Qorti ta' Ghawdex, Gurisdizzjoni Superjuri, fit-3 ta' Marzu 2009).

In-natura kummercjali tan-negozju jibqa', pero`, jippersisti, darba li jirrizulta li s-self f'dan il-kaz hu intrinsikament marbut mal-kummerc u n-negozju imwettaq mill-konvenuti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Pierre Buontempo, Ruben u Romina mizzewgin Buontempo u Centre Travel Co. Ltd,u mill-appell incidentali ta' Guido Grima, billi tichad l-istess u tiddisponi mill-appell incidentali tal-atturi billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonferma l-istess hlief li tiddikjara lill-konvenuti Pierre Buontempo, Ruben u Romina Buontempo, is-socjeta` Centre Travel Co. Ltd u l-kjamat fil-kawza Guido Grima, solidalment responsabbli flimkien ghall-hlas lill-atturi tas-somma ta' €46,587.47 (l-ekwivalenti ghas-somma ta' Lm20,000 mislufa), likwidat mill-ewwel Qorti, liema hlas ghandu jsir bl-imghax legali mill-15 ta' April 1998, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz in prim istanza, jithallsu b'mod solidali minn Pierre Buontempo, Ruben u Romina Buontempo, is-socjeta` Centre Travel Co. Ltd u Guido Grima.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------